TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 225/11

**Tiziana u Jonathan Attard**

**vs**

**APLAN Ltd.**

Illum 18 ta' Jannar, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-16 ta' Mejju, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' elf, mija u erbgħa u sittin ewro, u disgħa u sittin ewro ċenteżmi (€1,164.69), rappreżentanti prezz ta' *fridge/freezer* li kull darba li l-bieba ġiet mibdula, dejjem ġiet bid-daqqiet.

L-intimat ma preżentax risposta bil-miktub għal din it-talba u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma xtraw *fridge/freezer* u kellha xi għafsiet fuq il-bibien. Minkejja li l-bieba ta' din il-*fridge/freezer* inbidlet għal diversi drabi, l-aħħar darba li nbidlet il-*fridge/freezer* kellha 4 għafsiet f'kull kantuniera. Pero' huwa fatt li l-*fridge/freezer* taħdem imma għad hemm l-għafsiet.

**It-Tribunal jinnota illi:**

L-intimat debitament notifikat u msejjaħ tliet darbiet ma deherx għas-seduta u dan minkejja li kien notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ.

It-Tribunal jinnota wkoll li sal-ħin tas-seduta, l-intimat kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jinnota li r-rikorrenti huma ġustifikati fit-talba tagħhom.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' erba' mitt ewro (€400), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888